

- tiddeċiedi definittivament fuq il-mertu u tiċħad ir-rikors bħala infondata,
- tikkundanna lir-rikorrenti fil-kawża prinċipali tbatu kemm l-ispejjeż ta' dan l-appell kif ukoll l-ispejjeż ta' l-ewwel istanza fil-kawża T-196/02.

### Motivi u argumenti prinċipali

Il-Qorti tal-Prim'Istanza wetqet żball meta bbażat ruħha fuq il-prinċipju li l-possibbiltà li tadotta deċiżjoni fuq il-bażi ta' l-informazzjoni disponibbli ma tistax tiġi applikata sabiex jiġi ddeterminat il-benefiċjarju effettiv ta' l-ghajjnuna. Id-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li jordnaw il-ħlas lura ta' ghajjnuniet illegali jipproċedu regolarment għad-determinazzjoni tal-benefiċjarju effettiv. Din id-determinazzjoni hija fil-fatt indispensabbli sabiex jiġi garantit ħlas lura effikaċi ta' l-ghajjnuna illegali. Għaldaqstant, il-fatt li tiġi eskluża l-possibbiltà li jiġi ddeterminat il-benefiċjarju ta' l-ghajjnuna fuq il-bażi ta' l-informazzjoni disponibbli mhux kompatibbli ma' l-Artikolu 13(1) tar-Regolament (KE) Nru 659/1999.

It-tieni nett, il-Qorti tal-Prim'Istanza kkunsidrat b'mod żbaljat li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni ġiet stabbilita fuq il-bażi ta' sempliċi suppożizzjoni li ma kinitx tissodisfa r-rekwiżiti ta' deċiżjoni adottata fuq il-bażi ta' l-informazzjoni disponibbli. Minn naħa, mhijiex meħtieġa ċertezza assoluta fil-kuntest ta' deċiżjoni meħuda fuq il-bażi ta' l-informazzjoni disponibbli. Min-naħa l-oħra, id-deċiżjoni tal-Kummissjoni ġiet ibbażata fuq l-informazzjoni relattiva għall-infiq ta' żvilupp tal-kapaċità kkomunikati mill-kuratur ta' falliment ta' SKL-M. Għaldaqstant, il-Kummissjoni kellha għad-dispożizzjoni tagħha elementi suffiċjenti li ppermettewha tikkonkludi li t-trasferiment tal-kapaċità lil MTU irrapreżenta vantaġġ għal din l-impriża.

### Talba għal deċiżjoni preliminari magħmula mill-Korkein hallinto-oikeus (Il-Finlandja) fit-23 ta' Novembru 2007 — A

(Kawża C-523/07)

(2008/C 22/63)

Lingwa tal-kawża: Il-Finlandiż

### Qorti tar-rinviju

Korkein hallinto-oikeus

### Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Korkein hallinto-oikeus

Konvenuta: A

### Domandi preliminari

1 (a) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003 (<sup>(1)</sup>), dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1347/2000 (ir-Regolament Brussell IIa) japplika għall-infurzar ta' deċiżjoni bħal dik li ttehdet fil-kawża preżenti, li tordna t-tehdid immedjat taħt kura u t-tqegħid ta' minuri barra mill-familja oriġinali tiegħu għal ma' familja tar-rispett, meta dik id-deċiżjoni tiegħu l-forma ta' deċiżjoni unika adottata fil-kuntest tar-regoli tad-dritt pubbliku dwar il-protezzjoni tat-tfulija?

(b) Fin-nuqqas ta' dan, fid-dawl ta' l-Artikolu 1(2)(d) tar-regolament, japplikax biss għal dik il-parti mid-deċiżjoni dwar it-tqegħid barra mill-familja oriġinali għal ma' familja tar-rispett?

2 Il-kunċett tar-residenza abitwali fl-Artikolu 8(1) tar-Regolament, bħal fl-Artikolu 13(1), għandu jiġi interpretat fil-liġi Komunitarja, b'mod partikolari fid-dawl tas-sitwazzjoni li fiha minuri għandu residenza permanenti fi Stat Membru iżda qiegħed joqgħod fi Stat Membru ieħor, fejn qed jgħix ħajja peripatetika?

3 (a) Jekk huwa kkunsidrat li r-residenza abitwali tal-minuri mhijiex f'dan l-aħħar Stat Membru, madankollu f'liema kundizzjonijiet tista' tittieħed miżura urġenti (bħal-tehdid immedjat taħt kura) f'dak l-Istat Membru abbażi ta' l-Artikolu 20(1) tar-regolament?

(b) Miżura protettiva skond it-tifsira ta' l-Artikolu 20(1) tar-regolament hija biss miżura li tista' tittieħed skond il-liġi nazzjonali? u d-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali dwar din il-miżura jorbtu meta l-Artikolu jiġi applikat?

(c) Wara li tittieħed il-miżura protettiva, il-każ għandu jiġi trasferit *ex officio* lill-qorti kompetenti ta' l-Istat Membru?

4 Jekk il-qorti ta' Stat Membru ma għandhiex ġurisdizzjoni, għandha tiċħad ir-rikors bħala inammissibbli jew għandha tit-trasferixxi dan lill-qorti ta' l-Istat Membru l-ieħor?

(<sup>1</sup>) ĠU L 338, p. 1.